Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2025/2081(INI)

10.09.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-impatt tal-media soċjali u l-ambjent online fuq iż-żgħażagħ
(2025/2081(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Sandro Ruotolo

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-impatt tal-media soċjali u l-ambjent online fuq iż-żgħażagħ

(2025/2081(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali fin-Negozju")[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2023 dwar l-istrateġija Ewropea

[1] ĠU L 303, 28.11.2018, p.69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1808/oj.
[2] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj.
[3] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.
[4] ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.
[5] ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/29/oj.

l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar disinn li joħloq dipendenza tas-servizzi online u protezzjoni tal-konsumatur fis-suq uniku tal-UE[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[8],

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni online skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, ippublikati fl-14 ta' Lulju 2025,

– wara li kkunsidra l-istudju mitlub mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament bit-titolu "The influence of social media on the development of children and young people" (L-influwenza tal-media soċjali fuq l-iżvilupp tat-tfal u ż-żgħażagħ), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fi Frar 2023[9],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A10-0000/2025),

A. billi d-data globali għall-2025 dwar il-ħin quddiem l-iskrin turi li l-adolexxenti li għandhom bejn 11 u 14-il sena jqattgħu madwar 9 sigħat kuljum fuq l-iskrins, li tfal bejn 8 sa 10 snin iqattgħu madwar 6 sigħat kuljum fuq l-iskrins, u li wieħed minn kull ħamest itfal bejn 8 u 12-il sena jirrapportaw li jużaw l-iskrin għal aktar minn 8 sigħat kuljum;

B. billi l-użu tal-media soċjali fl-UE fost it-tfal li għandhom bejn 9 u 16-il sena aktar minn irdoppja mill-2010, issa laħaq il-medja ta' tliet sigħat kuljum, b'aktar minn 80 % li jużaw il-pjattaformi tal-media soċjali kuljum, u din l-interazzjoni online tagħmel parti ċentrali tal-ħajja tagħhom ta' kuljum;

C. billi l-media soċjali tesponi lill-utenti żgħar għal firxa wiesa' ta' kontenut dannuż, inklużi l-bullying ċibernetiku, materjal sesswalizzat, diżinformazzjoni, pressjoni dwar id-dehra tal-ġisem, il-promozzjoni ta' awtokorriment, vjolenza, estremiżmu, kontenut mhux kunsenswali u reklamar manipulattiv immexxi mill-algoritmi;

D. billi l-karatteristiċi tal-pjattaforma tal-media soċjali huma mfassla biex jimmassimizzaw l-involviment, bħall-iskrolljar li ma jieqaf qatt u l-involviment kompulsiv bin-notifiki, irawmu l-użu ta' dipendenza u jistgħu jiggravaw l-isfidi tas-saħħa mentali, filwaqt li jikkontribwixxu għat-tfixkil fl-irqad u l-irtirar emozzjonali;

---

[6] ĠU C, C/2024/1190, 23.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1190/oj.
[7] ĠU C, C/2024/4164, 2.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4164/oj.
[8] ĠU C 474, 24.11.2021, p.146.
[9] Studju – "The influence of social media on the development of children and young people" (L-influwenza tal-media soċjali fuq l-iżvilupp tat-tfal u taż-żgħażagħ), Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, Frar 2023.

E. billi l-użu eċċessiv tal-media soċjali huwa assoċjat ma' riskji elevati ta' kwistjonijiet dwar is-saħħa mentali fiż-żgħażagħ, bħad-dipressjoni u l-ansjetà;

F. billi l-influwenzaturi tal-media soċjali jsawru b'mod sinifikanti l-imġiba, l-abitudnijiet u l-opinjonijiet dwar il-konsum taż-żgħażagħ;

G. billi l-bullying ċibernetiku jaffettwa porzjon sinifikanti taż-żgħażagħ;

H. billi t-tfal taħt il-limiti tal-età uffiċjali għandhom kontijiet tal-media soċjali, u ta' spiss jiksbu aċċess billi jirrappreżentaw ħażin l-età tagħhom bil-għan li jevitaw ir-restrizzjonijiet fuq il-pjattaformi tal-media soċjali;

I. billi l-qafas legali attwali tal-UE, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD), l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, jipprovdi pedament sod għall-protezzjoni tat-tfal online, għalkemm għad hemm lakuni persistenti f'infurzar konsistenti;

J. billi l-litteriżmu diġitali u medjatiku huwa fundamentali biex iż-żgħażagħ jingħataw is-setgħa kontra l-manipulazzjoni, il-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni u t-tfassil ta' profili fuq il-media soċjali;

Prinċipji ġenerali

1. Jisħaq li l-indirizzar tal-impatt tal-media soċjali fuq iż-żgħażagħ jirrikjedi strateġija unifikata li tgħaqqad is-sikurezza sa mill-bidu tat-tfassil, it-trasparenza algoritmika, l-aċċertazzjoni tal-età li tagħti prijorità lill-privatezza tad-data, il-litteriżmu diġitali, governanza parteċipattiva u evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza biex tiġi żgurata l-protezzjoni lil kulħadd u l-għoti tas-setgħa lilhom kollha b'mod ugwali;

Qafas legali attwali tal-UE

2. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza fl-istrumenti legali ewlenin tal-UE kollha, bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-AVMSD, id-DSA u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, u l-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali li jmiss, biex jinbena qafas unifikat għall-protezzjoni tat-tfal online;

Ir-reviżjoni li jmiss tal-AVMSD

3. Iqis ir-reviżjoni li jmiss tal-AVMSD bħala opportunità f'waqtha biex tissaħħaħ il-protezzjoni taż-żgħażagħ minn kontenut dannuż fuq il-pjattaformi ta' video-sharing (VSPs) u l-media soċjali;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk id-definizzjonijiet attwali tal-AVMSD ikoprux bis-sħiħ is-servizzi tal-media awdjoviżiva rilevanti, speċjalment dawk ipprovduti mill-influwenzaturi u mill-ħallieqa tal-kontenut professjonali fuq il-VSPs;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-AVMSD, bħal dawk dwar it-trasparenza tar-reklamar u l-protezzjoni tal-minorenni, għal VSPs ewlenin; jissottolinja li l-allinjament tar-responsabbiltajiet tal-pjattaformi ma' dawk tal-fornituri tas-servizzi tal-media jgħin biex jingħalqu l-lakuni regolatorji li jaffettwaw udjenzi żgħażagħ;

AIA

6. Jisħaq li s-servizzi mmexxija mill-IA li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ, bħaċ-chatbots, il-magni ta' personalizzazzjoni u l-filtri tal-kontenut algoritmiku, jippreżentaw riskji ġodda ta' preġudizzju, manipulazzjoni u intrużjonijiet fl-isfera tal-privatezza, u jsaħħu l-ħtieġa li jiġu infurzati l-obbligi tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali dwar it-trasparenza, il-valutazzjoni tar-riskju u s-salvagwardja tad-drittijiet tat-tfal;

[Sezzjoni għall-opinjoni tal-Kumitat IMCO]

7. Jilqa' l-linji gwida tal-Kummissjoni ta' Lulju 2025 skont l-Artikolu 28 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali bħala pass ewlieni biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal online, b'mod partikolari fuq il-VSPs u l-media soċjali, u joffru għodod prattiċi biex jgħinu lill-pjattaformi u lir-regolaturi japplikaw ir-regoli tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali b'mod effettiv;

[Sezzjoni għall-opinjoni tal-Kumitat LIBE]

8. Ifakkar li l-indirizzar tal-abbuż u l-isfruttament sesswali online huwa essenzjali biex jiġi indirizzat l-impatt tal-media soċjali fuq iż-żgħażagħ; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħaħ il-qafas legali u jirrikonoxxi r-riformulazzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE[10] bħala miżura ewlenija biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal online;

Is-saħħa mentali u l-benesseri

9. Iħeġġeġ kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn iż-żgħażagħ, il-familji u l-iskejjel, simili għal inizjattivi bħal Jum l-Internet Aktar Sikur, biex tiġi evitata d-dipendenza diġitali, jitrawmu ħiliet ta' appoġġ bejn il-pari u jiġu mħeġġa abitudnijiet tal-media soċjali aktar b'saħħithom;

Il-protezzjoni tal-minorenni, kontenut dannuż u l-verifika tal-età

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal verifika tal-età u għal kontrolli tal-ġenituri effettivi u li jirrispettaw il-privatezza; jappella, f'dak ir-rigward, għal sistemi interoperabbli ta' aċċertazzjoni tal-età, marbuta mal-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE, li jivverifikaw l-età tal-utent mingħajr ma jiġbru jew iżommu data personali;

11. Iħeġġeġ lill-pjattaformi online jieħdu responsabbiltà akbar biex jipproteġu l-minorenni minn kontenut dannuż jew manipulattiv, billi jiżguraw moderazzjoni proattiva, miżuri ta' sikurezza prestabbiliti u aġġustamenti algoritmiċi bil-għan li jipprevjenu l-esponiment għal kontenut li joħloq dipendenza jew li jqarraq;

Il-bullying ċibernetiku u l-fastidju online

12. Jisħaq fuq l-importanza ta' għodod li jipprevjenu l-bullying ċibernetiku u jirreaġixxu għalih, inklużi programmi ta' sensibilizzazzjoni, riżorsi edukattivi għall-għalliema u għall-familji, u strutturi ta' appoġġ bejn il-pari, bħal programmi kontra l-bullying;

L-influwenzaturi u l-kultura diġitali

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal trasparenza sħiħa fir-reklamar tal-influwenzaturi li għandu fil-mira tiegħu l-minorenni; jissottolinja l-importanza li jiġu divulgati l-isponsorizzazzjonijiet u l-istandards etiċi għall-influwenzaturi li jkunu mmirati lejn it-tfal, filwaqt li jenfasizza r-riskju ta' kummerċjalizzazzjoni qarrieqa meta r-reklami jkunu moħbija bħala kontenut organiku;

---

[10] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/93/oj).

L-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni demokratika

14. Jinnota li l-media soċjali għandha rwol ewlieni fil-mobilizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u fil-kampanji ta' sensibilizzazzjoni, u dan juri s-setgħa tagħha li tixpruna parteċipazzjoni sinifikanti; jenfasizza li l-media soċjali tista' tiffaċilita kif ukoll tfixkel l-involviment politiku taż-żgħażagħ;

15. Iwissi li l-preġudizzji algoritmiċi u l-personalizzazzjoni intensa tal-kontenut iżidu r-riskju tar-radikalizzazzjoni u tal-polarizzazzjoni taż-żgħażagħ;

L-inklużjoni, l-ekwità u l-aċċessibilità

16. Jisħaq fuq l-importanza ta' rappreżentanza ġusta tal-minoranzi u tal-identitajiet emarġinati fl-ispazji tal-media soċjali biex jitrawmu l-inklużjoni u l-appartenenza;

[Sezzjoni għall-opinjoni tal-Kumitat FEMM]

17. Jenfasizza li l-bniet u n-nisa żgħażagħ huma aktar esposti għal danni mill-media soċjali, inklużi l-pressjoni dwar id-dehra tal-ġisem, il-fastidju, u l-kontenut misoġenu; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' salvagwardji diġitali sensittivi għall-ġeneru biex jiġu żgurati ambjenti online sikuri, inklużivi u li jagħtu s-setgħa lill-utenti żgħażagħ kollha;

L-edukazzjoni, il-ħiliet diġitali u l-litteriżmu medjatiku

18. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-edukazzjoni kemm formali kif ukoll mhux formali biex iż-żgħażagħ jiġu mgħammra bil-ħiliet diġitali u bil-ħsieb kritiku meħtieġa biex jinnavigaw il-media soċjali b'mod sikur u effettiv;

It-trasparenza u r-responsabbiltà algoritmika

19. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal aktar trasparenza madwar is-sistemi algoritmiċi tal-media soċjali, peress li algoritmi u moderazzjoni tal-kontenut opaki jfixklu l-kapaċità tal-utenti żgħażagħ li jifhmu għaliex ċertu kontenut huwa rrakkomandat, imrażżan jew imneħħi, u b'hekk tiġi mminata l-kapaċità tagħhom li jinnavigaw kontenut online intenzjonalment;

Monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-politika

20. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-effettività tal-istrateġija BIK+ biex tindirizza r-riskji online attwali għaż-żgħażagħ, u tallinja l-evalwazzjoni tagħha mal-isfidi li qed jevolvu, bħal danni algoritmiċi u tfassil b'karatteristiċi persważivi;

°

° °

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-pjattaformi diġitali ttrasformaw kif iż-żgħażagħ Ewropej jgħixu, jitgħallmu, u jagħmlu konnessjonijiet, u llum jinsabu fil-qalba tat-tfulija u tal-adolexxenza. Skont iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, aktar minn 80 % fil-mija taż-żgħażagħ fl-Ewropa jużaw il-media soċjali kuljum, u l-ħin li jqattgħu online aktar milli rdoppja mill-2010. Id-data tal-Eurostat turi li fl-2024, 97 % tan-nies li għandhom bejn 16 u 29 sena fl-Unjoni jaċċessaw l-internet kuljum, u kważi disgħa minn kull għaxra jinvolvu ruħhom fuq networks soċjali. Dawn il-figuri jissottolinjaw l-immersjoni diġitali profonda taż-żgħażagħ Ewropej fl-ambjent online, iżda wkoll jenfasizza l-urġenza li jiġi żgurat li l-ambjent online tagħhom ikun sikur, inklużiv, u jappoġġja l-benesseri tagħhom.

Ir-rapporteur jirrikonoxxi l-opportunitajiet multipli li jġibu magħhom il-pjattaformi diġitali: aċċess għall-informazzjoni, forom ġodda ta' kreattività, appoġġ mill-pari, u modi għall-mobilizzazzjoni ċivika. Iżda dawn il-benefiċċji jiġu b'riskji ugwalment profondi. Il-WHO u l-OECD iddokumentaw iż-żieda rimarkabbli fl-użu problematiku tal-media soċjali fost l-adolexxenti, li issa qed jaffettwa aktar minn wieħed minn kull għaxra u huwa marbut ma' rtirar emozzjonali, tħarbit fl-irqad, u anqas konċentrazzjoni. Studju riċenti tal-UE sab li aktar minn terz ta' dawk li għandhom 15-il sena jqattgħu aktar minn tliet sigħat kuljum fuq il-media soċjali, b'dawk li jqattgħu aktar sigħat fit-tul jirrapportaw rati aktar għolja ta' sintomi ta' ansjetà u ta' dipressjoni. Il-bniet huma affettwati b'mod partikolari, speċjalment fir-rigward ta' pressjoni dwar id-dehra tal-ġisem u l-esponiment għall-fastidju online. Dawn ix-xejriet juru għalfejn l-Unjoni jeħtiġilha tirreaġixxi b'mod deċiżiv, filwaqt li tibni fuq l-oqfsa legali eżistenti u tadatta għal sfidi ġodda.

Koerenza tal-qafas legali tal-UE

L-Unjoni diġà stabbiliet qafas legali robust permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD), l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (Att dwar l-IA). Flimkien, dawn l-istrumenti jindirizzaw l-isfera tal-privatezza, il-kontenut dannuż, ir-reklamar online, u l-akkontabbiltà algoritmika. Minkejja dan, il-frammentazzjoni u l-infurzar mhux uniformi joħloq lakuni persistenti. L-infuwenzaturi u l-ħallieqa ta' kontenut professjonali ta' spiss joperaw fuq skala komparabbli max-xandara iżda jaqgħu f'żoni griżi regolatorji. Ir-rapporteur jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza sħiħa fl-istrumenti kollha, b'mod partikolari bl-Att li ġej dwar l-Ekwità Diġitali, sabiex it-tfal igawdu mill-protezzjoni b'mod ugwali irrispettivament mill-pjattaforma jew mis-servizz.

Ir-reviżjoni li jmiss tal-AVMSD: opportunità kruċjali

Ir-reviżjoni li jmiss tal-AVMSD tipprovdi opportunità f'waqtha biex il-qafas legali awdjoviżiv tal-Unjoni jiġi modernizzat. Ir-rapporteur jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi vvalutat jekk il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għandux ikun estiż biex jirrifletti r-realitajiet tal-ekosistema tal-media tal-lum, fejn l-influwenzaturi u l-ħallieqa ta' kontenut jaġixxu *de facto* bħala fornituri ta' servizz tal-media. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet fundamentali, bħat-trasparenza tar-reklamar u l-protezzjoni tal-minorenni għal pjattaformi kbar ta' video-sharing (VSPs) u kontenut xprunat mill-influwenzaturi jagħlqu l-lakuni attwali u jallinjaw ir-responsabbiltajiet aktar mill-qrib ma' dawk tax-xandara tradizzonali. Dan jgħin jiżgura livell konsistenti ta' protezzjoni għat-tfal fl-ambjenti awdjoviżivi kollha.

L-intelliġenza artifiċjali u r-riskji tal-algoritmi

Servizzi xprunati mill-IA qed isawru aktar u aktar l-esperjenzi online tat-tfal: minn magni ta' rakkomandazzjonijiet personalizzati għal chatbots ta' konverżazzjoni u moderazzjoni awtomatika. Dawn it-teknoloġiji għandhom potenzjal iżda jippreżentaw ukoll riskji ġodda ta' preġudizzju, manipulazzjoni, u intrużjoni fl-isfera tal-privatezza. Mingħajr salvagwardji b'saħħithom, is-sistemi algoritmiċi jistgħu jirrinfurzaw sterjotipi dannużi, jamplifikaw il-polarizzazzjoni, jew jesponu lit-tfal għal kontenut manipulattiv. Ir-rapporteur għalhekk jisħaq fuq l-importanza ta' infurzar sħiħ tal-Att dwar l-IA, b'mod partikolari l-obbligi dwar it-trasparenza, l-assessjar tar-riskju, u s-salvagwardji għad-drittijiet tat-tfal. L-akkontabbiltà algoritmika mhijiex sempliċiment kwistjoni teknika, hija imperattiv demokratiku biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ jifhmu, b'modi xierqa għall-età tagħhom, kif l-ambjent online tagħhom jissawwar.

Is-saħħa mentali, il-kontenut dannuż, u l-aċċertament tal-età

It-tħassib dwar is-saħħa mentali jinsab fil-qalba tad-dibattitu. L-użu tal-media soċjali eċċessiv u kompulsiv ġie assoċjat mal-ansjetà, mad-dipressjoni, u ma' benesseri aktar baxx, filwaqt li esponiment kostanti għal karatteristiċi ta' tfassil li joħloq dipendenza jimmina l-iżvilupp b'saħħtu. Bil-għan li jiġu indirizzati dawn ir-riskji, ir-rapporteur jappella biex ikun hemm taħlita ta' miżuri preventivi u regolatorji: sistema ta' verifikazzjoni tal-età li tirrispetta l-privatezza, interoperabbli mal-kartiera tal-identità diġitali Ewropea, kontrolli mill-ġenituri effettivi, u sikurezza prestabbilita sa mill-bidu tat-tfassil. Il-pjattaformi jeħtiġilhom ukoll jieħdu responsabbiltà akbar biex jimmoderaw kontenut dannuż jew manipulattiv u biex jadattaw algoritmi bil-għan li jnaqqsu l-esponiment għal karatteristiċi li joħolqu dipendenza.

Il-bullying ċibernetiku, l-influwenzaturi u l-fastidju abbażi tal-ġeneru

Il-bullying ċibernetiku jibqa' wieħed mill-aktar ħsarat online mifruxa li jiffaċċjaw it-tfal u l-adolexxenti. Azzjoni preventiva trid tgħaqqad programmi ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel, taħriġ tal-għalliema, mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, u strutturi ta' appoġġ bejn il-pari. L-influwenzaturi għandhom ukoll rwol ewlieni fit-tiswir tal-valuri u tal-abitudnijiet dwar il-konsum taż-żgħażagħ. Regoli aktar ċari dwar l-iżvelar ta' sponsorjar, l-obbligi ta' trasparenza, u l-istandards etiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-influwenzaturi tfal, huma meħtieġa biex tiġi evitata kummerċjalizzazzjoni qarrieqa u biex il-minorenni jiġu protetti minn reklamar moħbi.

Ir-rapporteur jenfasizza wkoll in-natura bbażata fuq il-ġeneru tad-danni online. L-evidenza turi li l-bniet u n-nisa żgħażagħ huma fil-mira, b'mod sproporzjonat, ta' fastidju, kontenut misoġenu, u pressjonijiet dwar id-dehra tal-ġisem. Għalhekk, is-salvagwardji sensittivi għall-ġeneru jridu jiffurmaw parti mill-qafas tal-protezzjoni diġitali tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li l-ispazji online huma inklużivi u jagħtu s-setgħa lill-utenti żgħażagħ kollha.

Il-litteriżmu diġitali, il-parteċipazzjoni ċivika, u l-inklużjoni

Ir-regolamentazzjoni waħedha mhijiex suffiċjenti. L-għoti tas-setgħa lit-tfal permezz ta' litteriżmu diġitali u medjatiku huwa essenzjali biex jiġu mgħammra bil-ħiliet kritiċi meħtieġa għan-navigazzjoni tal-media soċjali b'mod sikur u maħsub. L-iskejjel, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u s-soċjetà ċivili jeħtiġilhom jiġu appoġġjati biex jipprovdu liż-żgħażagħ bl-għodod biex jifhmu l-algoritmi, jirreżistu l-manipulazzjoni, u jimmaniġġjaw il-preżenza diġitali tagħhom b'mod responsabbli.

Fl-istess ħin, huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li l-media soċjali trawwem ukoll il-parteċipazzjoni ċivika u ppermettiet liż-żgħażagħ madwar l-Ewropa jimmobilizzaw madwar kawżi, mit-tibdil fil-klima sal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-garanzija ta' spazji online sikuri u inklużivi se saħħaħ mhux biss il-protezzjoni tat-tfal iżda wkoll l-involviment taż-żgħażagħ fid-demokrazija Ewropea. Dan jeħtieġ ukoll attenzjoni għall-inklużjoni: il-komunitajiet minoritarji u emarġinati jeħtiġilhom ikunu rappreżentati b'mod ġust, u l-identitajiet tagħhom rispettati fl-ispazji diġitali, biex jitrawwem sens ta' appartenenza.

Monitoraġġ u infurzar

Fl-aħħar nett, politiki effettivi jirrikjedu infurzar b'saħħtu u monitoraġġ kontinwu. Inizjattivi bħall-istrateġija Ewropea għal internet aħjar għat-tfal (BIK+) huma ta' valur, iżda s-suċċess tagħhom jiddependi fuq evalwazzjoni rigoruża u adattament għal riskji ġodda, bħal danni algoritmiċi jew tfassil b'karatteristiċi persważivi manipulattivi. Ir-rapporteur jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-effettività tal-inizjattivi attwali u tiżgura li l-azzjoni tal-Unjoni żżomm il-pass mal-ambjent diġitali li qed jevolvi malajr.

Il-media soċjali u l-ambjent online attwali joffru opportunitajiet għat-tagħlim, għall-kreattività u għall-parteċipazzjoni ċivika, iżda jesponu wkoll lit-tfal għal riskji serji ta' danni, manipulazzjoni u esklużjoni. Ir-rapporteur għalhekk jappella għal strateġija Ewropea komprensiva li tgħaqqad is-sikurezza sa mill-bidu tat-tfassil, it-trasparenza algoritmika, l-aċċertazzjoni tal-età li tagħti prijorità lill-privatezza tad-data, l-edukazzjoni u l-għoti tas-setgħa, u infurzar robust. Billi tagħlaq il-lakuni regolatorji u ssaħħaħ ir-responsabbiltà, l-Unjoni tista' tiżgura li t-tfal u ż-żgħażagħ jikbru f'ambjent diġitali li jipproteġi d-dinjità tagħhom, jappoġġja l-benesseri tagħhom, u jippermettilhom jirnexxu bħala ċ-ċittadini attivi ta' għada.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
5Rights Foundation
Age Verification Providers Association (AVPA)
Centre for Media Pluralism and Media Freedom, European University Institute
COFACE Families Europe
Digital Futures for Children (DFC) centre, London School of Economics
EdTech
e-Enfance
Eurochild
European Schoolnet
Leiden University
Maghweb association
Save the children
Technological University Dublin
TikTok
UNICEF

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj